KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 430 (8-58)

It-Tnejn 9 ta' Jannar 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia (ħareġ mill-laqgħa fit-8.00pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**430.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**430.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Kurstein Sant u Gillian Farrugia Pace.

**430.1.2** Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi sellem il-memorja tas-Sur Silvio Parnis li ħalliena din il-ġimgħa. Is-Sur Parnis kien għal diversi snin jokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali. Is-Sindku sellem ukoll il-memorja ta' omm il-Kap tal-Oppożizjoni.

**430.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**430.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 429. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**430.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**430.2.2.1** 429.10 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-talba biex tiġi replaced il-ħaddiema li tnaqqset mill-uffiċċju. Huwa staqsa wkoll jekk il-Kunsill ingħatax raġuni għaliex din il-ħaddiema ġiet imnaqqsa minn mal-uffiċċju tas-Siġġiewi meta żgur li x-xogħol fl-amministrazzjoni ma naqasx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma kien hemm l-ebda żvilupp fuq din il-kwistjoni. Hi qalet li l-piż ta' impjegata nieqsa waqa' fuq l-istaff l-ieħor u fuqha bħala Segretrju Eżekuttiv anka peress li x-xogħol amministrattiv dejjem jiżdied u mhux jonqos.

**430.2.2.2** 429.13.1 Il-Kunsillier Francine Farrugia staqsiet jekk effettivament il-logħol tan-nar fl-aħħar tas-sena sarx. Is-Sindku qal li ma sarx. Is-Sindku qal li fix-xhur li ġejjin jiġi diskuss f'liema avveniment tal-Kunsill l-aħjar li jsir, kif kien il-qbil tal-Kunsill.

**430.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**430.3.1** **Infrastruttura**
Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq l-Imdina ser jibda nhar l-Erbgħa skond komunikat li rċieva l-Kunsill. Huwa qal li saru l-arranġamenti meħtieġa għal devjazzjoni temporanja tat-traffiku u anka tat-trasport pubbliku mill-awtoritajiet kompetenti.

**430.3.2** **Xogħolijiet pendenti – Servizz tal-Perit**
Is-Sindku informa li bħalissa qiegħed ippublikat it-tender tas-servizz ta' perit. Huwa qal li minkejja dan, hemm diversi proġetti pendent mal-Perit attwali u li dawn għandhom jiġu finalizżati.

**430.3.3** **Manutensjoni tal-bandli Nalizpelra**
Is-Sindku informa li qegħdin f'kuntatt mal-perit tal-Kunsill biex ikun hemm avviż ta' periklu u anka li l-Kunsill ikun kopert b'liability f'każ ta' incident. Huwa qal li l-fatt li l-bandli jiġi msakkar jattira vandali u huwa possibbli li ssir il-ħsara anka peress li l-istess post ikun spiss mira ta' vandaliżmu. Is-Sindku qal li għandhom isiru avviżi kbar u viżibbli biex ir-residenti jkunu infurmati li hemm ħsarat u għaldaqstant periklu, u li min jidħol ikun responsabilta' tiegħu. Is-Sindku kompla jgħid li kif diġa infurmati, is-safety flooring ser jinbidel, iżda hemm proċduri ta' procurement li l-Kunsill huwa obbligat isegwi u allura ikun hemm tul ta' żmien. Is-Sindku qal li possibilment jingħalqu partijiet fejn hu l-iktar perikoluż b'hoarding.

**430.3.4** **Laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita'**

Is-Sindku qal li qabel is-Seduta, l-Uffiċjali tal-Pulizija tal-Komunita' iltaqgħu mal-membri tal-Kunsill, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li ġew diskussi diversi issues, fosthom:

- Is-sewqan eċċessiv fi Triq is-Siġġiewi ma' Triq Papa Pawlu. Huwa ġibdu l-attenzjoni li hemm diversi marki tat-tyres u jidher ċar li qed isir abbuż ta' sewqan fiż-żona. Ġie propost li Triq Papa Pawlu in-naħa t'isfel issir one-way, u direzzjoni l-oħra tintuża Triq il-Wied. Ġie propost ukoll li fl-istess parti ssir speed calming measure. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dawn il-proposti.
- Ġiet diskussa wkoll il-problema tal-ipparkjar ta' vetturi fin-nofs ta' Pjazza San Nikola u l-periklu li dan joħloq. Ġie miftieħem li jkun hemm perijodu ta' edukazzjoni permezz ta' fuljetti informattivi. Il-parkeġġ għandu jsir biss fejn hu permess skond il-liġi. Is-Sindku qal li ser isir draft tal-avviż biex din l-inizjattiva tibda fis-seħħ mill-iktar fis.
- Ġie diskuss is-servizz ġdid tal-ġbir ta' skart li beda minn din is-sena. Il-Pulizija kkonfermaw li ir-residenti qed jikkollaboraw ma' l-iskeda l-ġdida u b'mod in generali is-servizz sejjer tajjeb
- Ġie diskuss ukoll il-kollaborazjoni fl-attivitajiet li ġejjin, fosthom Jum is-Siġġiewi u l-Mixgħela u li ser issir laqgħa mill-iktar fis bil-preżenza wkoll tal-pulizija tad-Distrett
- L-uffiċjali semmew il-periklu f' Tal-Għolja u l-ħsara fil-hoarding
- L-uffiċjali qalu li l-approach man-nies tas-Siġġiewi huwa tajjeb ħafna u jħarsu l-quddiem għal aktar ħidma kollaborattiva għal ġid tal-lokalita'

Is-Sindku qal li laqgħat bħal dawn ser jibdew iseħħu mill-inqas darba f'xahar bix jinżamm il-kuntatt u jsir aġġornament tal-ħidma.

**430.3.5** **Ġemellaġġ ma' Malbork (Polonja)**

Is-Sindku nforma li f'Diċembru saret laqgħa kordjali mal-Ambaxxatur ta' Malta fil-Polonja Dr. M. Farrugia, flimkien ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi l-punti prinċipali għal dan il-ftehim bejn iż-żewġt ibliet u ġew proposti punti ta' benefiċċju fosthom it-turiżmu, prodotti agrikoli lokali u l-esportazzjoni tagħhom, anka tramite l-uffiċċju tal-MTA qrib Malbork u skambji edukattivi (youth exchanges). Is-Sindku qal li l-pass li jmiss huwa li jitħejja draft tal-ftehim u jiġi approvat biex eventwalment isir l-iffirmar iktar tard. Is-Sindku qal li ġie propost li l-ftehim jiġi ffirmat f'Malbork għas-Sajf.

**430.3.6** **Xogħol ta' restawr**

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkompli bil-proġett ta' restawr tal-wirt kulturali vast li minnu tgawdi l-lokalita' Huwa qal li l-Kunsill ser japplika bħal kull sena għal ammont ta' €10,000 fondi ta' aġġustament li jintużaw biex jiġu restawrati ż-żewġ niċeċ fi Triq is-Siġġiewi ħdejn il-Mitħna. Dan ix-xogħol huwa pjanat li jkun lest sal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-proġett ta'restawr għandu jkompli bir-restawr u tindif tal-monument tal-bandiera ta' Kunsill fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, dak tal-Vitmmi tal-Gwerra u il-monument tal-Ġemellaġġ fi Triq il-Fawwara. Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn intervent fil-monument tat-Tabib Nikola Zammit u rinnovament tar-roundabout fejn jinstab. Il-Kunsill unanimament qabel.

**430.3.7** **Ħsarat fil-Kappella ta' Ħal Xluq**

Is-Sindku qal li ġie infurmat mill-Arċipriet dwar ħsarat fis-saqaf tal-Kappella ta' Ħal Xluq u l-bżonn biex isir membrane biex ma jidħolx ilma. Is-Sindku talab li jsir rapport teniku dwar il-ħsara u jinġiebu stimi tax-xogħol li hemm bżonn. Huwa qal li l-Kappella hija wirt kulturali fil-lokalita' u tajjeb li ma nħalluhiex tintilef.

**430.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**430.5** **Allokazzjoni ta' toroq minn IM – bdil ta' prijorita' Triq Salvu Curso**

430.5.1 Is-Sindku informa li fid-19 ta' Diċembru, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mac-CEO ta' Infrastructure Malta rigward il-prijoritajiet tat-toroq għas-snin li ġejjin. Is-Sindku ressaq il-kundizzjoni li saret minn INDIS biex meta jitlesta l-proġett, isir il-wiċċ ta' Triq Salvu Borg Olivier biex il-proġett ikun komplut. Il-proġett huwa maħsub li jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena. Huwa qal li kien hemm qbil ġaladarba dan ix-xogħol ikun parti mid-9km ta'toroq allokati għal-lokalita'. Ic-CEO għamilha ċara li l-allokazzjoni ta' fondi għal kull lokalita' hija kif diġa indikat u cioe 9Km kull sena. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq it-toroq għandu jibda din is-sena 2023, fejn l-ewwel prijorita' huma toroq fi stat ħażin u li diġa ġew approvati f'Seduti preċedenti u allura l-allokazzjoni tas-sena 2024 tkun fuq Triq Salvu Borg Olivier.

**430.6** **Proposta ta' bye-law rigward parkeġġjar illegali fi Pjazza San Nikola**

430.6.1 Is-Sindku qal li jinħass il-bżonn li tittieħed azzjoni biex il-karatteristika tal-Pjazza tiġi protetta. Hu qal li intilef kull kontroll fuq l-ipparkjar u dan qed joħloq sitwazzjoni ta' periklu. Is-Sindku propona intervent flimkien mal-Pulizija tal-Komunita' biex isir żmien ta' edukazzjoni lill-pubbliku permezz ta' posts fuq il-midja soċjali u tqassim ta' flyers informattivi, biex il-parkeġġ isir biss fejn hu permess bil-liġi. B'hekk ikun hemm terminu ta' żmien sakemm imbgħad jibdew jinħarġu il-multi. Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni gravat u eskalat minn okkażjonali għal kuljum.

430.6.2 Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li l-problema tal-parking qegħda dejjem tiżdied, u l-Kunsill għandu jistħarreġ alternattivi bħal bike-racks fil-Pjazza. Hija qalet li l-Kunsill għandu jistħarreġ ir-raġuni għaliex in-nies jgħażlu li jinżlu bil-vettura lejn il-pjazza forsi minħabba nuqqas ta' sigurta' jew aċċessibilta' biex jimxuha.

**430.7** **Permess ta' arranġament temportanju tat-traffiku (Request for Tower-crane) Triq is-Salib**

430.7.1 Is-Sindku nforma li hemm talba għall-armar ta' tower-crane fi Triq is-Salib. Huwa qal li mid-dettalji, dan mhux ser jaffetwa il-flow tat-traffiku u hemm proposta tat-traffiku temporanja. Il-Kunsillier Julian Borg qal l-Kunsill m'għandux isib oġġezzjoni, suġġett għall-proposti minn TM. Hu qal ukoll li l-permess għandu jkun marbut b'perijodu massimu ta' sena, u f'każ li jinqabeż, tintalab estensjoni. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsill joħroġ il-permess, suġġett għall-proposti ta' TM.

**430.8** **Servizz ġdid ta' ġbir ta' skart b'effett mit-2 ta' Jannar 2023**

430.8.1 Is-Sindku qal li kif diġa infurmati, mit-2 ta' Jannar beda jopera servizz ġdid ta' ġbir tal-iskart bi skeda nazzjonali u mmaniġġjar mir-Reġjuni. Is-Sindku qal li hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill, ir-Reġjun u l-Kuntrattur biex kull ilment li jidħol jiġi trattat mingħajr dewmien. Is-Sindku qal li permezz ta' €5000 finanzjati mid-Dipartiment, setgħet tiġi ingaġġata persuna bħala contracts manager għal xahrejn, li qed jassisti b'mod partikolari iż-żona rurali biex is-servizz jingħata kif inhu xieraq fil-konfini kollha. Hu qal li qed tinbena data base tar-residenzi kollha u jiġu identifikati fuq pjanta. Is-Sindku irringrazzja lil kull min qed jaħdem biex dan is-servizz ġdid ikun suċċess, b'mod speċjali lill-amministrazzjoni tal-Kunsill u lir-Reġjun Punent għal koordinament. Is-Sindku qal ukoll li għall-ewwel ġimgħat kien hemm il-ħidma tal-Cleansing Department li kienu qed iduru kontinwament it-toroq u jiġbru boroż li jinħarġu mhux skond l-iskeda. Huwa qal li għandha titkompla l-awareness biex kulħadd jikkollabora u jinħarġu l-multi għal min ma jikkoperax.

**430.9** **Programm t'attivitajiet Jum is-Siġġiewi 2023**

**430.9.1** Is-Sindku nforma li s-serata tal-għoti tal-Onorefiċenza hija pjanata għas-Sibt 11 ta' Marzu 2023. Qed isir koordinament mal-Arċipriet biex isir kunċert fil-Knisja Arċipretali u għalhekk ser issir talba uffiċjali biex ikun hemm konferma mill-Kurja.

**430.9.2** Nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu 2023, issir attivita' ta' sport u saħħa, b'kollaborazzjoni mal-Kunsilliera ta' Ħaż Żebbuġ għall-attivita' Żernieq bir-roti. Hemm il-ħsieb li ssir wirja mit-taqsima tat-tifi tan-nar u wirja minn diversi sezzjonijiet tal-Pulizija bil-kollaborazzjoni tal-Pulizija tal-Komunita'. Nhar l-1 ta' Marzu, issir kommemorazzjoni mat-tfal tal-iskola tal-kulleġġ San Injazju, fejn jiġi preżentat ktejjeb tar-Reġjun u assembleja. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jagħtu sehemhom u jkunu preżenti.

**430.10** **Nomini għal Mertu Onorefiċenza Siġġiewi 2023**

**430.10.1** Is-Sindku qal li l-Mertu Onorefiċenza huwa l-iktar unur għoli tal-lokalita' u għandu jinżamm limitat. Huwa qal li dan ir-rikonoxximent għandu jingħata lil min iddistingwa ruħu b'xi mezz biex ikun ta' kontribut għal-lokalita'. Is-Sindku propona li jiġi ffurmat kumitat ad-hoc biex jevalwa n-nomini li jiġu riċevuti. Il-Kunsillier Julian Borg qal li jridu jiġu stabbiliti il-kriterji tan-nomini u kulħadd jimxi magħhom. Is-Sindku qal li kull Kunsillier ser jirċievi il-formola ta' nominazzjoni flimkien mal-Kundizzjonijiet.

**430.10.2** Il-Kunsillier Adrian Farrugia ħareġ mil-laqgħa fit-8.00pm.

**430.10.3** Is-Sindku qal li għandha ssir Seduta b'urġenza speċifika biex jinfetħu n-nomini u jiġi evalwati mill-Kunsill kollu. Il-Kunsill unanimament qabel li n-nomini jiġu evalwati f'Seduta apposta fl-20 ta' Frar.

**430.11** **Editorjal newsletter Kunsill**

**430.11.1** Is-Sindku qal li ser isir kuntatt mal-persuna suġġerita biex jiġi diskuss il-fuljett u jibdew il-preparamenti sal-aħħar ta' Frar u jitqassam qabel Jum is-Siġġiewi.

**430.12** **Koordinament ta' kalendarju t'attivitajiet minn għaqdiet Siġġiwin**

**430.12.1** Is-Sindku qal li għandu jkun hemm koordinament bejn l-għaqdiet, in-negozji, il-Parroċċa u l-għaqdiet fl-attivitajiet li jsiru fil-lokalita'. Dan biex nevitaw li attivita' ttellef lill-oħra u ngħinu lil xulxin fis-suċċess tal-organizazzjoni. Huwa qal ukoll li s-sala taċ-ċentru ċiviku għandna tibqa' tintuża mill-għaqdiet b'mod regolat u avvenimenti tal-Kunsill jieħdu prijorita'.

**430.13** **Approvazzjoni ta' performance bonus tas-segretarju Eżekuttiv u Staff għas-sena ta' ħidma 2022**

**430.13.1** Is-Sindku qal li jirrikonoxxi l-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-Kunsill anka fid-dawl li x-xogħol fuq il-Kunsilli dejjem jiżdied. Huwa qal li kull membru tal-istaff jagħti l-massimu speċjalment f'perijodi meta jaqa' influss kbir ta' xogħol u jkunu qed jaħdmu taħt pressjoni biex iżommu ma' deadlines. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-bonus lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-massimu li tippermetti l-liġi, cioe ta' 10% lis-SE u 6% lill-istaff rispettivament. Il-Kunsill unanimament approva.

**430.14** **Laqgħa tal-lokalita' 2023**

**430.14.1** Is-Sindku qal li minħabba l-kwistjoni tal-kuntratt il-ġdid tal-iskart li issa qiegħed regolat mir-reġjun, u li sal-lum il-kunsill għad m'għandux iċ-ċifra tal-Kuntratt, dan ħoloq problema ta' pjanar għall-infiq ta' din is-sena. Huwa qal li wara li ddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv, l-ammont sostanzjali li jkopri dan is-servizz jista' jaffetwa infiq fuq items oħra. Għalissa, u anka peress li aħna marbuta li rridu nipreżentaw il-budget sa ċerta data, l-ispiża ser tiġi kkalkolata fuq tas-sena l-oħra. Is-Sindku propona li l-laqgħa annwali kif provdut fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993 li fiha jiġu preżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2023 issir nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2023 fis-6.00pm. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din id-data.

**430.15** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**430.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi. Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess f'dawn l-applikazzjonijite: PA2561/22, PA1027/22, PA7796/22, PA7610/22.

**430.15.2** Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Ma kien hemm ebda rimarka.

**430.16** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**430.16.1** Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba fejn talbu approvazzjoni ta' pjan temporanju tat-traffiku waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol minn IM fi Triq is-Sejba. Wara li l-Kunsill iddiskuta l-proposta, qabel li l-entita' li qed tagħmel ix-xogħolijiet għandha tħejji l-pjan tat-traffiku u tassigura li ma jkunx hemm periklu, konġestjoni u ħsarat. Il-Kunsill qal li dan il-pjan għandu jsir qabel jibda kull tip ta' xogħol, flimkien ma' sinjali direzzjonali adekwati.

**430.16.2** Is-Sindku preżenta korrispondenza mingħand il-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza għal attivita' tal-karnival proposta għal Ħadd 19 ta' Frar 2023, bil-għan ta' ġbir ta' fondi għall-istess Dar. Is-Sindku propona li din l-attivita' ssir bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill biex tkun fuq skala ikbar u għalhekk tgħin biex jinġabru iktar fondi. Is-Sindku propona li ssir laqgħa mal-organizzaturi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**430.16.3** Is-Sindku qara korrispondenza minn grupp ta' anzjani li jattendu għaċ-ċentru ta' matul il-jum li qed jiġbru fondi permess ta' diversi attivitajiet bl-iskop li ssir statwa ta' San Nikola tal-qies 7 piedi għoli, u tiġi regalata lill-Kunsill Lokali biex titpoġġa fiċ-ċentru ċiviku u titgawda mis-Siġġiwin kollha. Hu qal li l-siatwa bi ħsieb li tkun lesta għal Diċembru.

**430.17** **Rapport tal-ilmenti**

**430.17.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**430.18** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**430.18.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**430.19** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**430.19.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed taħdem mill-qrib mal-istudenti tal-EkoSkola. Hija qalet li t-tfal urew ix-xewqa għal attivitajiet u ħarġiet kulturali. Tqassam kwestjonarju kemm lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom biex ikun hemm feedback dwar avvenimenti u x'jixtiequ, talbu wkoll il-possibilta' li jinfetħu is-shelters li jinsabu taħt il-Pjazza. L-istudenti żaru l-Illuminated Trail fi żmien il-Milied u rringrazjaw kemm lill-Kunsill u anka lir-Reġjun Punet tal-opportunita'.

**430.19.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed taħdem biex isiru ħarġiet kulturali lit-tfal tas-Siġġiewi biex isir għarfien tal-wirt li għandna kemm fil-lokalita', fir-Reġjun u anka f'pajjiżna. Hija talbet lill-Kunsill biex jiprovdi it-trasport għal dawn il-ħarġiet, mentri il-ħlas għad-dħul ta' mjużewijiet u ċentri kulturali jiġu kopertu mill-Passaport Kulturali. Is-Sindku rringrazja l-Kunsilliera għal din l-inizjattiva u propona li l-Kunsill iħallas għat-trasport. Il-Kunsill unanimament qabel.

**430.19.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-bankini li għandhom bżonn tiswija b'mod immedjat, il-hoarding imqaċċata f'Tal-Għolja, talbet li jsir refreshing ta' sinjali fi Triq Nicolo Baldacchino u qalet ukoll li l-arblu bil-wires mikxufa fi Triq Mons Mikiel Azzopardi li diġa kien irrapurtat lil Enemalta ġimgħat ilu għadu l-istess.

**430.19.4** Il-Viċi Sindku qalet li ser jiġi organizzat festin tal-karnival għall-anzjani kollha anka min mhux membru fid-daycentre. Dettalji jiġu mħabbra 'il quddiem. Hija qalet li peress li diġa haw festini organizzati minn għaqdiet għat-tfal, ser torganizza ħarġa bil-kostum. Hu maħsub li ssir żjara l-Esplora Ċentru tax-Xjenza.

**430.19.5** Is-Sindku qal li l-ktejjeb maħruġ mir-Reġjun Punet ser jitqassam lit-tfal tal-iskola primarja fl-attivita tal-1 ta' Marzu.

**430.19.6** Is-Sindku qal li intalbet laqgħa mal-kuntrattur tat-tindif taż-żoni rurali biex jibda l-qtugħ ta' ħaxix u tindif fit-toroq kollha li jaggħtu għal Tal-Għolja, bi preparament għal Mixgħela.

**430.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**430.20.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.20 ta' filgħaxija.

**430.21.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 6 ta' Frar 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 6 ta' Frar 2023

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |